Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,234, 19 ta' Lulju, 2019
Taqsima A

MALTA

ATT Nru XXV tal-2019

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex ikompli jwettaq riformi fil-Qasam tal-Ġustizzja (Avukat Ġenerali).

ACT No. XXV of 2019

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to continue implementing reform in the Justice Sector (Attorney General).

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

19 ta' Lulju, 2019

ATT Nru XXV tal-2019

Att sabiex ikompli jwettaq riformi fil-Qasam tal-Ġustizzja (Avukat Ġenerali).

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

TAQSIM TAL-ATT

		Artikoli
Taqsima I	Att dwar l-Avukat tal-Istat	1 - 8
Taqsima II	Emendi għall-Kostituzzjoni	9 - 10
Taqsima III	Emendi għall-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili	11 - 24
Taqsima IV	Emendi għall-Kodiċi Ċivili	25 - 28
Taqsima V	Emendi għall-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali	29 - 34
Taqsima VI	Emendi għar-Regolamenti dwar il-Kumitat tal-Appelli (Tagħlim fl-Industrija)	35 - 36

Taqsima I

Att dwar l-Avukat tal-Istat

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att tal-2019 dwar l-Avukat tal-Istat.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu stabbiliti dati differenti għal għanijiet differenti u dispożizzjonijiet differenti ta' dan l-Att.

(3) Avviż taħt is-subartikolu (2) jista' jagħmel dawk id-dispożizzjonijiet transitorji, mingħajr limitazzjoni, kif il-Ministru jidhirlu li huwa meħtieġ jew spedjenti b'konnessjoni mad-dispożizzjonijiet hekk miġjuba jew li jkunu ser jinġiebu fis-seħħ.

L-Avukat tal-Istat.

2. (1) L-Avukat tal-Istat għandu jkun il-Konsulent Legali Prinċipali tal-Gvern u għandu jkollu r-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Gvern fl-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji fejn il-liġi ma tipprovdix li dik ir-rappreżentanza għandha tkun tvesti f'xi persuna jew awtorità oħra.

(2) Fl-għoti ta' parir legali l-Avukat tal-Istat għandu jaġixxi fl-interess pubbliku u għandu jissalvagwardja l-legalità tal-azzjonijiet tal-Istat.

(3) Meta taħt xi liġi l-Avukat tal-Istat ikun marbut li jaġixxi jew jeżerċita xi setgħa skont il-ġudizzju individwali tiegħu, huwa ma jkunx soġġett għal ebda ordni jew kontroll minn xi persuna jew awtorità oħra.

(4) Meta l-uffiċjali tal-Avukat tal-Istat ikunu qegħdin jaġixxu taħt l-ordnijiet tal-Avukat tal-Istat f'xi ħaġa li fiha l-Avukat tal-Istat ikollu jaġixxi skont il-ġudizzju individwali tiegħu, huma għandu jkollhom l-istess protezzjoni bil-liġi bħallikieku dak li jagħmlu jew iħallu milli jsir kien att magħmul jew ommess milli jiġi magħmul mill-Avukat tal-Istat.

Proċedura għall-ħatra tal-Avukat tal-Istat.

3. Meta sseħħ vakanza fil-kariga ta' Avukat tal-Istat il-proċedura għall-ħatra ta' Avukat tal-Istat għandha tkun kif ġej:

(a) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja għandu jwaqqaf Kummissjoni tal-Ħatra, li tikkonsisti minn *Chairperson* u mhux inqas minn żewġ (2) u mhux aktar minn erba' (4) membri, li għandha tkun magħmula minn persuni li fl-opinjoni tiegħu huma rispettati u fdati mill-pubbliku u huma kwalifikati teknikament sabiex jeżaminaw jekk kandidati għall-uffiċċju ta' Avukat tal-Istat għandhomx il-kwalifiki xierqa u rekwiżiti oħra ta' mertu u adattabilità sabiex jokkupaw l-imsemmija kariga.

(b) Il-Kummissjoni tal-Ħatra għandha toħroġ sejħa pubblika għal applikazzjonijiet miftuħa għal persuni li għandhom il-kwalifiki u l-esperjenza meħtieġa sabiex jinħatru għall-kariga ta' Avukat tal-Istat.

(ċ) Wara li teżamina l-kandidati l-Kummissjoni tal-Ħatra għandha tissottometti rapport lill-Prim Ministru permezz tal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja li fih tesprimi l-opinjonijiet tagħha dwar l-eliġibilità, l-adattabilità u l-mertu tal-kandidati. Fl-imsemmi rapport il-Kummissjoni tista' tillimita ruħha li tagħti opinjoni dwar il-kandidati jew tista' tikklassifikahom skont ordni ta' preferenza.

(d) Fid-deċiżjoni dwar ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-President skont l-artikolu 91A tal-Kostituzzjoni għall-ħatra ta' Avukat tal-Istat il-Prim Ministru għandu jagħti konsiderazzjoni xierqa lir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-Ħatra.

Deputat Avukat tal-Istat u uffiċjali oħra.

4. (1) Għandu jkun hemm ukoll Deputat Avukat tal-Istat u uffiċjali oħra tal-Avukat tal-Istat, illi jeżerċitaw u jesegwixxu dawk is-setgħat, funzjonijiet u dmirijiet kollha ddelegati jew mogħtija lilhom mill-Avukat tal-Istat.

(2) Fl-eżerċizzju u fl-eżekuzzjoni tas-setgħat, funzjonijiet u dmirijiet iddelegati jew mogħtija lilhom kif intqal qabel, id-Deputat Avukat tal-Istat u l-uffiċjali l-oħra tal-Avukat tal-Istat għandhom, sakemm ma jkunx jidher li l-intenzjoni hija kuntrarja, ikollhom l-istess dmirijiet u jgawdu l-istess ħarsien u privileġġi li l-liġi timponi jew tagħti lill-Avukat tal-Istat.

(3) L-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat qiegħed b'dan jissemma bħala aġenzija tal-Gvern u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (5) sa (9) għandhom japplikaw għal dik l-aġenzija.

(4) L-Avukat tal-Istat jista' wkoll jaġixxi permezz ta' dawk il-kuntratturi li huwa jaħtar minn żmien għall-ieħor:

Iżda dawk il-kuntratturi għandhom f'kull żmien jaġixxu skont dawk l-istruzzjonijiet li jistgħu jingħatawlhom mill-Avukat tal-Istat.

(5) (a) L-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat għandu bħala aġenzija tal-Gvern ikollu bħala kap lill-Avukat tal-Istat u jkun il-mezz li bih l-Avukat tal-Istat iwettaq il-funzjonijiet tiegħu skont il-liġi.

(b) Dik l-aġenzija għandha tkun korp magħqud li jkollu personalità legali distinta u li jkun kapaċi li jagħmel kuntratti, li jimpjega persunal, li jikseb, iżomm għandu u jiddisponi minn kull xorta ta' proprjetà għall-finijiet tal-ħidmiet li jagħmel u li jħarrek u li

jiġi mħarrek.

(ċ) Ir-rappreżentanza legali u ġuridika tal-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat tvesti fl-Avukat tal-Istat jew fi kwalunkwe persuna oħra li jista' jispeċifika.

(d) L-istess aġenzija għandha tagħmel ftehim dwar it-twettiq tagħha stess mal-Gvern li permezz tiegħu jiġu stabbiliti l-finanzjament tal-aġenzija kif ukoll il-ħidmiet li għandhom jiġu indirizzati u miksubin minnha:

Iżda l-Ministru responsabbli għall-aġenzija għandu, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' xi liġi kuntrarja, ikollu jedd jagħti ordnijiet bil-miktub lill-aġenzija u l-aġenzija u l-kap tagħha jkunu marbuta li josservaw dawk id-direttivi:

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet tal-proviso hawn qabel imsemmi ma għandhomx japplikaw meta l-Avukat tal-Istat ikollu skont kwalunkwe liġi oħra jaġixxi skont il-ġudizzju individwali tiegħu nnifsu, f'liema każ l-aġenzija għandha taġixxi skont l-uniċi ordnijiet tal-Avukat tal-Istat.

(6) L-Avukat tal-Istat u l-impjegati ta' dik l-aġenzija għandhom jikkonformaw ma' kull Kodiċi ta' Etika li jkun japplika għal uffiċjali pubbliċi u għandu jkollhom, bla ħsara għal kull liġi kuntrarja, l-istess obbligu taħtu:

Iżda l-Avukat tal-Istat għandu bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-aġenzija jabbozza valuri ta' servizz u Kodiċijiet ta' Etika dwar l-aġenzija sabiex jissupplimenta kull Kodiċi ta' Etika tas-servizz pubbliku.

(7) (a) L-Avukat tal-Istat għandu jżomm kotba tal-kontijiet kif imiss b'dak il-mod li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' minn żmien għal żmien jordna. Dawk il-kontijiet għandhom jiġu verifikati minn awditur li jinħatar għal dak l-għan mill-Avukat tal-Istat bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi u għandu iktar minn hekk ikun soġġett għall-verifika li ssir mill-Awditur Ġenerali.

(b) Is-sena finanzjarja tal-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat għandha tibda fl-1 ta' Jannar u tintemmfil-31 ta' Diċembru:

Iżda l-ewwel sena finanzjarja għandha tibda mad-dħul fis-seħħ ta' dan is-subartikolu u tintemm fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara.

(ċ) L-Avukat tal-Istat għandu mhux iktar tard minn sitt (6) ġimgħat wara tmiem kull sena finanzjarja jippreżenta lill-Ministru

responsabbli għall-aġenzija l-kontijiet verifikati flimkien ma' rapport fuq il-ħidmiet tal-aġenzija, f'liema rapport għandu jiġi dikjarat il-mod li bih tkun ħadmet l-aġenzija sabiex twettaq il-funzjonijiet tagħha u l-pjanijiet li jkollha għall-futur.

(d) Il-kontijiet u r-rapport imsemmija fil-paragrafu (ċ) għandhom jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra mill-Ministru mhux iżjed tard minn sitt (6) ġimgħat minn meta jaslulu, jew inkella jekk f'dak iż-żmien il-Kamra ma tkunx qiegħda tiltaqa', mhux iżjed tard mit-tieni ġimgħa wara li l-Kamra tkompli bis-seduti tagħha.

(8) (a) Il-Prim Ministru jista' b'ordni jinkariga lil xi uffiċjal pubbliku biex jaqdi dmirijietu ma' dik l-aġenzija għal dak iż-żmien u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu stabbiliti fir-rigward ta' dak l-uffiċjal li jkun ġie hekk inkarigat.

(b) Il-Prim Ministru jista' f'kull żmien jirrevoka kull ordni bħal dik.

(ċ) Meta uffiċjal jiġi inkarigat biex iwettaq dmirijietu mal-aġenzija, dak l-uffiċjal għandu, f'dak iż-żmien li matulu dik l-ordni tkun għadha sseħħ, ikun taħt id-direzzjoni amministrattiva u l-kontroll tal-Avukat tal-Istat, iżda għandu xort'oħra jibqa' u jżomm id-drittijiet u d-dmirijiet kollha bħala, uffiċjal pubbliku, u għall-finijiet ta' kull liġi li għandha x'taqsam mal-pensjonijiet tal-gvern, is-servizz mal-aġenzija jitqies li jkun servizz mal-Gvern:

Iżda ma għandu jittieħed ebda kont fl-istima tal-emolumenti pensjonabbli ta' dak l-uffiċjal għall-finijiet ta' xi liġi li jkollha x'taqsam mal-pensjonijiet tas-servizz tal-gvern dwar kull *allowance, bonus* jew gratwità mħallsa lil dak l-uffiċjal mill-aġenzija b'eċċess għal dak li għandu jedd għalih bħala uffiċjal pubbliku:

Iżda wkoll matul iż-żmien li dak l-uffiċjal jiġi hekk inkarigat biex iwettaq dmirijiet mal-aġenzija, il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tas-servizz tiegħu ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk relattivi għall-ħatra tiegħu taħt il-Gvern matul il-perjodu hawn qabel imsemmi. Dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ma għandhomx jitqiesu li jkunu inqas favorevoli sempliċiment għaliex ma jkunux f'kull rigward identiċi ma', jew superjuri għal, dawk gawduti mill-uffiċjal involut fid-data ta' dak l-ordni, jekk dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet, meħudin bħala ħaġa waħda, fil-fehma tal-Prim Ministru jkunu joffru benefiċċji sostanzjalment ekwivalenti jew ta' xorta aħjar.

(9) Kull uffiċjal pubbliku li jkun qed jaqdi dmirijietu esklussivament fit-Taqsima tal-Liġi Ċivili, Kostituzzjonali u

Amministrattiva jew fit-Taqsima tal-Leġiżlazzjoni tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan is-subartikolu għandu, minn dik id-data, jitqies li ġie inkarigat għal xogħol mal-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat bħala aġenzija tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8) u d-dispożizzjonijiet tal-istess subartikolu għandhom jibdew japplikaw għal dak l-uffiċjal pubbliku li għandu jkompli jaqdi dmirijietu kif fuq imsemmi sa dak iż-żmien meta jista' jirrevoka dak l-ordni kif provdut fis-subartikolu (8)(b):

Iżda meta l-Prim Ministru jirrevoka xi ordni kif fuq imsemmi l-uffiċjal li dwaru jkun ġie revokat dak l-ordni għandu jżomm il-gradi fis-servizz pubbliku li huwa kellu minnufih qabel ma ġie inkarigat biex jaqdi dmirijietu mal-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat, kif imsemmi bħala aġenzija tal-Gvern, bis-saħħa ta' dan is-subartikolu jew għandu jidħol jokkupa dak il-grad ogħla li huwa kien jokkupa kieku ma ġiex inkarigat kif fuq imsemmi.

(10) F'dik il-ġurnata li tista' tinħatar b'ordni tal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat għandu jieħu f'idejh l-impjegati kollha, drittijiet, dmirijiet, impriżi, kuntratti, kawżi, ordnijiet, sentenzi, dokumenti u arranġamenti tax-xogħol li, minnufih qabel il-jum maħtur, ikunu jappartjenu lill-aġenzija tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u jirrelataw mat-Taqsima tal-Liġi Ċivili, Kostituzzjonali u Amministrattiva, jew mat-Taqsima tal-Leġiżlazzjoni tal-aġenzija tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, f'dak il-mod u skont dik l-iskeda ta' żmien kif il-Ministru jista' jinnomina.

Setgħa li jingħataw ġuramenti.

5. (1) L-Avukat tal-Istat u d-Deputat Avukat tal-Istat u avukati oħra jew prokuraturi legali, li jwettqu dmirijiet bħala uffiċjali tal-Avukati tal-Istat, għandu jkollhom is-setgħa li jamministraw il-ġuramenti.

(2) Kull fejn il-liġi tipprovdi li ġurament għandu jittieħed quddiem l-Avukat tal-Istat, dak il-ġurament jista' jittieħed ukoll quddiem id-Deputat Avukat tal-Istat jew quddiem uffiċjal ieħor tal-Avukat tal-Istat kif iddelegat mill-Avukat tal-Istat.

Setgħa li tiddelega awtorità.

6. L-ebda nullità jew difett legali ieħor ma għandu jirriżulta meta dokument li jirrigwarda proċedimenti f'xi qorti li għandu jservi bħala prova ta' kwalunkwe ordni, kunsens, approvazzjoni jew direzzjoni mogħtija mill-Avukat tal-Istat jiġi ffirmat mid-Deputat Avukat tal-Istat, jew minn uffiċjal tal-Avukat tal-Istat f'isem l-Avukat tal-Istat.

Tifsir u setgħa li jsiru regolamenti.

7. (1) Fejn xi liġi, minbarra liġi ta' natura kriminali, tipprovdi li kwalunkwe att jista' jsir mill-Avukat Ġenerali, dak l-att jista' jsir ukoll mill-Avukat tal-Istat bl-awtorizzazzjoni tal-Avukat Ġenerali. Mingħajr preġudizzju għall-validità ta' dik l-awtorizzazzjoni mill-

mument li tingħata, avviż ta' dik l-awtorizzazzjoni għandu jingħata fil-Gazzetta.

(2) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jagħmel regolamenti li jipprovdu għal kull kwistjoni li għandha x'taqsam mal-implimentazzjoni aħjar tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, jista' wkoll b'regolament jemenda kull liġi, ħlief il-Kostituzzjoni u kull liġi oħra ta' natura kriminali jew li għandha x'taqsam ma' setgħat tal-prosekuzzjoni jew liġi li tirregola l-kondizzjonijiet tas-servizz partikolari lid-detenturi tal-uffiċċji tal-Avukat Ġenerali jew tal-Avukat tal-Istat, bl-għan li tissostitwixxi kwalunkwe referenza lill-Avukat Ġenerali b'referenza għall-Avukat tal-Istat jew li jżid kwalunkwe referenza għall-Avukat tal-Istat ma' referenza għall-Avukat Ġenerali jew viċiversa.

Applikabilità tal-Att dwar il-Pensjonijiet tal-Membri tal-Ġudikatura għal Avukat tal-Istat. Kap. 564.

8. L-espressjoni "Avukat Ġenerali", kull fejn tidher fl-Att dwar il-Pensjonijiet tal-Membri tal-Ġudikatura għandha, għall-finijiet u l-għanijiet kollha tal-liġi, titqies li tinkludi wkoll referenza għall-persuna li għandha l-kariga ta' Avukat tal-Istat maħtur skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 91A(1) tal-Kostituzzjoni u kull referenza għall-"Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali" għandha wkoll titqies li tinkludi referenza għall-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat.

Taqsima II
Emendi għall-Kostituzzjoni

Emendi għall-Kostituzzjoni.

9. Din it-Taqsima temenda l-Kostituzzjoni u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Kostituzzjoni, minn hawn 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "il-Kostituzzjoni".

Żieda ta' artikolu gdid 91A fil-Kostituzzjoni.

10. Minnufih wara l-artikolu 91 tal-Kostituzzjoni għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Avukat tal-Istat.

91A. (1) Għandu jkun hemm Avukat tal-Istat li l-kariga tiegħu tkun kariga pubblika u li jkun maħtur mill-President li għandu jaġixxi skont il-parir tal-Prim Ministru.

(2) Ħadd ma jkun kwalifikat li jkollu l-kariga ta' Avukat tal-Istat jekk ma jkunx kwalifikat għal ħatra bħala imħallef tal-Qrati Superjuri.

(3) L-Avukat tal-Istat għandu jkun il-konsulent tal-Gvern fi kwistjonijiet ta' liġi u opinjoni legali. Huwa għandu jaġixxi fl-interess pubbliku u għandu jissalvagwardja l-legalità tal-azzjoni tal-Istat. L-Avukat tal-Istat għandu jwettaq ukoll dawk id-dmirijiet u funzjonijiet oħra li jistgħu jingħatawlu minn din il-Kostituzzjoni jew minn xi liġi. Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, l-Avukat tal-Istat għandu jaġixxi fil-ġudizzju individwali tiegħu u ma għandux ikun suġġett għad-direzzjoni jew għall-kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5), l-Avukat tal-Istat għandu jivvaka l-kariga tiegħu meta jagħlaq l-età ta' ħamsa u sittin (65) sena.

(5) L-artikolu 97(2) u (3) għandhom japplikaw għall-Avukat tal-Istat.".

Taqsima III
Emendi għall-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

Emendi għall-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

11. Din it-Taqsima temenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, minn hawn 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "il-Kodiċi".

Emenda tal-artikolu 181B tal-Kodiċi.

12. Fis-subartikoli (2) u (3) tal-artikolu 181B tal-Kodiċi l-kliem "Avukat Ġenerali", kull fejn jidhru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Avukat tal-Istat".

Emenda tal-artikolu 436 tal-Kodiċi.

13. Fl-artikolu 436 tal-Kodiċi u fin-nota marġinali tiegħu, il-kliem "Avukat Ġenerali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Avukat tal-Istat".

Emenda tal-artikolu 437 tal-Kodiċi.

14. Fl-artikolu 437 tal-Kodiċi l-kliem "Avukat Ġenerali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Avukat tal-Istat".

Emenda tal-artikolu 440 tal-Kodiċi.

15. Fl-artikolu 440 tal-Kodiċi l-kliem "Avukat Ġenerali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Avukat tal-Istat".

Emenda tal-artikolu 441 tal-Kodiċi.

16. Fl-artikolu 441 tal-Kodiċi u fin-nota marġinali tiegħu, il-kliem "Avukat Ġenerali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Avukat tal-Istat".

Emenda tal-artikolu 443 tal-Kodiċi.

17. Fl-artikolu 443 tal-Kodiċi u fin-nota marġinali tiegħu, il-kliem "Avukat Ġenerali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Avukat tal-Istat".

18. Fl-artikolu 445 tal-Kodiċi l-kliem "Avukat Ġenerali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Avukat tal-Istat". Emenda tal-artikolu 445 tal-Kodiċi.

19. Fl-artikolu 446 tal-Kodiċi l-kliem "Avukat Ġenerali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Avukat tal-Istat". Emenda tal-artikolu 446 tal-Kodiċi.

20. Fl-artikolu 447 tal-Kodiċi l-kliem "Avukat Ġenerali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Avukat tal-Istat". Emenda tal-artikolu 447 tal-Kodiċi.

21. Fil-paragrafu (d) tal-artikolu 521 tal-Kodiċi l-kliem "Avukat Ġenerali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Avukat tal-Istat". Emenda tal-artikolu 521 tal-Kodiċi.

22. Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 611 tal-Kodiċi l-kliem "Avukat Ġenerali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Avukat tal-Istat". Emenda tal-artikolu 611 tal-Kodiċi.

23. Is-subartikolu (2) tal-artikolu 786 tal-Kodiċi għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej: Emenda tal-artikolu 786 tal-Kodiċi.

"jew Avukat Ġenerali jew Avukat tal-Istat

(2) Lanqas tista' tingħata din l-eċċezzjoni kontra l-Avukat Ġenerali jew kontra l-Avukat tal-Istat fil-każijiet li fihom huma awtorizzati b'mod speċjali mil-liġi li jidhru, jew meta huma awtorizzati mill-awtorità kompetenti li jidhru f'kawżi li jinteressaw l-ordni pubbliku, sa fejn għandu x'jaqsam l-interess pubbliku.".

24. Fil-Formola Nru 18 fl-Iskeda B tal-Kodiċi l-kliem "Avukat Ġenerali", kull fejn jidhru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Avukat tal-Istat". Emenda tal-Formola Nru 18 fl-Iskeda B tal-Kodiċi.

Taqsima IV
Emendi għall-Kodiċi Ċivili

25. Din it-Taqsima temenda l-Kodiċi Ċivili u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Ċivili, minn hawn 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "il-Kodiċi". Emendi għall-Kodiċi Ċivili. Kap. 16.

26. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 299 tal-Kodiċi l-kliem "Avukat Ġenerali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Avukat tal-Istat". Emenda tal-artikolu 299 tal-Kodiċi.

27. Fis-subartikolu (3) tal-artikolu 1124E tal-Kodiċi l-kliem "Avukat Ġenerali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Avukat tal-Istat". Emenda tal-artikolu 1124E tal-Kodiċi.

28. Fis-subartikolu (5) tal-artikolu 7, fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (4) tal-artikolu 32A, fis-subartikolu (22) tal-artikolu 33, fis-subartikolu (9) tal-artikolu 42, fis-subartikolu (3) tal-artikolu 43 u fis-subartikolu (8) tal-artikolu 48A tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Kodiċi l-kliem "Avukat Ġenerali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Avukat tal-Istat". Emenda tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi.

Taqsima V
Emendi għall-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali

Emendi għall-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali. Kap. 90.

29. Din it-Taqsima temenda l-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali, minn hawn ’il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "l-Ordinanza prinċipali".

Emenda tal-artikolu 2 tal-Ordinanza prinċipali.

30. L-artikolu 2 tal-Ordinanza prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jitħassar u s-subartikolu (2) għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1); u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"Proċedura għal ħatra ta’ Avukat Ġenerali.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-validità u t-tul ta’ kwalunkwe ħatra fl-uffiċċju ta’ Avukat Ġenerali magħmula qabel id-dħul fis-seħħ ta’ dan is-subartikolu, meta sseħħ vakanza fl-uffiċċju ta’ Avukat Ġenerali l-proċedura għall-ħatra ta’ Avukat Ġenerali għandha tkun kif ġej:

(a) Il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja għandu jwaqqaf Kummissjoni tal-Ħatra, li tikkonsisti minn *Chairperson* u mhux inqas minn żewġ (2) u mhux aktar minn erba’ (4) membri, li għandha tkun magħmula minn persuni li fl-opinjoni tiegħu huma rispettati u fdati mill-pubbliku u huma kwalifikati teknikament sabiex jeżaminaw jekk kandidati għall-uffiċċju ta’ Avukat Ġenerali għandhomx il-kwalifiki xierqa u rekwiżiti oħra ta’ mertu u adattabilità sabiex jokkupaw l-imsemmija kariga.

(b) Il-Kummissjoni tal-Ħatra għandha toħroġ sejħa pubblika għal applikazzjonijiet miftuħa għal persuni li għandhom il-kwalifiki u l-esperjenza meħtieġa sabiex jinħatru għall-kariga ta’ Avukat Ġenerali.

(ċ) Wara li teżamina l-kandidati l-Kummissjoni tal-Ħatra għandha tissottometti rapport lill-Prim Ministru permezz tal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja li fih tesprimi l-opinjonijiet tagħha dwar l-eliġibilità, l-adattabilità u l-mertu tal-kandidati. Fl-imsemmi rapport il-Kummissjoni tista' tillimita ruħha li tagħti opinjoni dwar il-kandidati jew tista' tikklassifikahom skont ordni ta' preferenza.

(d) Fid-deċiżjoni dwar ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-President skont l-artikolu 91 tal-Kostituzzjoni għall-ħatra ta' Avukat Ġenerali l-Prim Ministru għandu jagħti konsiderazzjoni xierqa lir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-Ħatra.".

Żieda tal-artikolu 3 ġdid mal-Ordinanza prinċipali.

31. L-artikoli 3 u 4 tal-Ordinanza prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 4 u 5 rispettivament u minnufih wara l-artikolu 2 għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Setgħat tal-Avukat Ġenerali.

3. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 2 l-Avukat Ġenerali għandu jkollu l-funzjonijiet u s-setgħat li ġejjin:

(a) jesiġi li l-Kummissarju tal-Pulizija:

(i) jinvestiga kwalunkwe reat;

(ii) jagħti lill-Avukat Ġenerali kull informazzjoni dwar l-investigazzjoni ta' xi reat;

(iii) joħroġ kwalunkwe akkuża għal xi reat;

(b) li, minkejja dak provdut f'xi liġi oħra, u fid-diskrezzjoni tiegħu, waħdu jew mal-Pulizija Eżekuttiva jew ma' xi awtorità oħra li jkollha s-setgħa li tmexxi prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kemm bħala qorti ta' ġudikatura kriminali u kemm bħala qorti istruttorja, imexxi l-prosekuzzjoni jew jassisti fil-prosekuzzjoni ta' kull reat li dwaru persuna tkun tressqet quddiem dik il-qorti:

Kap. 9.

Iżda għall-finijiet tat-twettiq ta' dak provdut f'dan il-paragrafu kull artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' xi liġi oħra li jvesti xi funzjoni jew setgħa dwar it-tmexxija ta' proċeduri fil-qorti fil-prosekuzzjoni ta' reati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-Pulizija Eżekuttiva jew f'xi awtorità oħra li jkollha s-setgħa li tmexxi l-prosekuzzjoni għandu jitqies li jkun qiegħed ivesti dik il-funzjoni jew setgħa wkoll fl-Avukat Ġenerali;

(ċ) id-deċiżjoni dwar jekk għandhiex tinbeda prosekuzzjoni għal reat li jkun soġġett għal piena li tkun teċċedi l-ġuriżdizzjoni oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali għandha tittieħed mill-Avukat Ġenerali:

Iżda kwalunkwe miżura transitorja maħruġa minn żmien għal żmien skont l-artikolu 1 tal-Att tal-2019 dwar l-Avukat tal-Istat jew skont regolamenti maħruġa mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja taħt dan l-artikolu tista' tipprovdi għal arranġamenti transitorji għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, tali miżuri u arranġamenti transitorji jistgħu jinkludu dispożizzjonijiet li minn żmien għal żmien jipprovdu li:

(a) is-setgħat u l-funzjonijiet tal-Avukat Ġenerali provduti f'dan l-artikolu għandhom japplikaw biss għal ċerti reati u, jew biss għal reati soġġetti għall-priġunerija għal terminu kif jista' jiġi preskritt li jkun terminu ta' priġunerija li jkun jeċċedi l-ġuriżdizzjoni oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali;

(b) is-setgħa tal-Avukat Ġenerali li jiddelega, soġġett għal dawk il-kondizzjonijiet, ordnijiet, riżervi jew derogi li huwa jista' minn żmien għal żmien jipprovdi, is-setgħa li jieħu d-deċiżjoni li jmexxi għal prosekuzzjoni jew li jmexxi l-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati skont dan l-artikolu lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lil kwalunkwe awtorità pubblika oħra li għandha setgħat ta' prosekuzzjoni taħt kwalunkwe liġi minn żmien għal żmien fis-seħħ.".

Emenda tal-artikolu 4 kif enumerat mill-ġdid tal-Ordinanza prinċipali.

32. Fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (5) tal-artikolu 4 kif enumerat mill-ġdid tal-Ordinanza prinċipali minnufih wara l-kliem "għandhom ikunu fl-Avukat Ġenerali" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew fi kwalunkwe persuna oħra li hu jista' jispeċifika".

Emenda tal-artikolu 5 kif enumerat mill-ġdid tal-Ordinanza prinċipali.

33. L-artikolu 5 kif enumerat mill-ġdid tal-Ordinanza prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 5(1) u minnufih wara għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Kull fejn il-liġi tipprovdi li ġurament għandu jittieħed quddiem l-Avukat Ġenerali, dak il-ġurament jista' jittieħed ukoll quddiem id-Deputat Avukat Ġenerali jew quddiem uffiċjal ieħor tal-Avukat Ġenerali, kif iddelegat mill-Avukat Ġenerali.".

Żieda tal-artikolu 6 ġdid mal-Ordinanza prinċipali.

34. Minnufih wara l-artikolu 5 kif enumerat mill-ġdid tal-Ordinanza prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Setgħa li tiddelega awtorità.

6. L-ebda nullità jew difett legali ieħor ma għandu jirriżulta meta dokument li jirrigwarda proċedimenti kriminali jew ċivili li għandu jservi bħala prova ta' kwalunkwe ordni, kunsens, approvazzjoni jew direzzjoni mogħtija mill-Avukat Ġenerali jiġi ffirmat mid-Deputat Avukat Ġenerali, jew minn uffiċjal tal-Avukat Ġenerali f'isem l-Avukat Ġenerali.".

Taqsima VI
Emendi għar-Regolamenti dwar il-Kumitat tal-Appelli (Tagħlim fl-Industrija)

Emendi għar-Regolamenti dwar il-Kumitat tal-Appelli (Tagħlim fl-Industrija). L.S. 343.05

35. Din it-Taqsima temenda r-Regolamenti dwar il-Kumitat tal-Appelli (Tagħlim fl-Industrija) u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kumitat tal-Appelli (Tagħlim fl-Industrija), minn hawn 'il quddiem f'din it-Taqsima msejħa "r-regolamenti prinċipali".

Emenda tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

36. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "quddiem wieħed mill-uffiċjali msemmijin fl-artikolu 4 tal-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "quddiem wieħed mill-uffiċjali msemmija fl-artikolu 5 tal-Ordinanza dwar l-Avukat Ġenerali jew wieħed mill-uffiċjali msemmijin fl-artikolu 4 tal-Att dwar l-Avukat tal-Istat".

A 1260

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 248 tal-10 ta' Lulju, 2019.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati